# Staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Gamiema diġà fetaħ illegalment

## ...u issa r-riskju hu li jinfetaħ legalment fuq il-bażi ta' fatti mbagħbsa

L-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa għas-Summiena li ilu miftuħ minn nhar it-Tnejn diġà rriżulta f'numru sinifikanti ta' Gamiem maqtula illegalment, minkejja li dwar il-kwistjoni jekk il-Gamiem jistax jiġi kkaċċjat legalment f'Malta hemm każ pendenti quddiem il-qorti. Smigħ fil-qorti li se jsir il-Ġimgħa se jiddeċiedi d-destin tal-Gamiema – speċi Vulnerabbli – din ir-rebbiegħa, wara li talba għal mandat ta' inibizzjoni mressqa minn BirdLife Malta l-ġimgħa l-oħra ntlaqgħet b'mod proviżorju mill-qorti. Il-mandat tressaq b'risposta għall-fatt li d-deċiżjoni li ssir il-kaċċa għall-Gamiem bejn is-17 u t-30 ta' April hija bbażata fuq tagħrif żbaljat li jinjora l-istatus ta' konservazzjoni li jikklassifika lil din l-ispeċi bħala waħda fil-periklu.

Il-Ġimgħa, qorti preseduta mill-Imħallef Giovanni Grixti se tkun qed tikkontesta numru ta' kwistjonijiet fundamentali li jikkonċernaw l-istaġun tal-kaċċa propost, li jinkludu d-dritt ta' BirdLife Malta li titlob li l-liġi tal-UE tiġi rikonoxxuta quddiem il-qrati Maltin, l-interess tagħha li tħares l-għasafar mid-danni li jistgħu jsofru bl-istaġun tal-kaċċa, u l-impatt li staġun miftuħ fuq il-Gamiem ikollu fuq din l-ispeċi Ewropea li hija kklassifikata bħala Vulnerabbli għall-Estinzjoni.

Ir-rakkomandazzjoni biex jinfetaħ staġun għall-Gamiema kienet saret mill-Kumitat ORNIS waqt laqgħa fid-29 ta' Marzu, fuq il-bażi ta' rapport li tressaq mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) u li kien jgħid li l-hekk imsejħa *reference population* ta' Malta għall-Gamiem żdiedet b'10-12%, bil-Kumitat jaqbel fuq kwota ta' 1,500 għasfur biex jinqatlu tul perjodu ta' ġimagħtejn. BirdLife Malta se tkun qed tikkontesta x-xjenza wara dawn il-kalkoli żbaljati speċjalment meta l-aqwa esperti u istituzzjonijiet xjentifiċi jqisu l-Gamiema bħala speċi li qiegħda kulma jmur tonqos, bil-popolazzjoni ta' dan l-għasfur tinsab fl-inqas livelli sa mill-2003. L-aktar tagħrif aġġornat dwar il-popolazzjoni dejjem tonqos tal-Gamiema dan l-aħħar kien ippreżentat waqt laqgħa tat-Task Force tal-UE dwar l-Irkupru tal-Għasafar, li għaliha kienu preżenti wkoll uffiċjali tad-WBRU fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Tul il-laqgħa l-esperti rrakkomandaw li tkun sospiża l-kaċċa għall-Gamiem madwar l-Ewropa kollha

sabiex jittaffa t-telfien kontinwu tal-ispeċi, u saħanistra aċċennaw għas-sitwazzjoni f'Malta.

It-twissija b'saħħitha biex ma jkomplix jiggrava l-impatt fuq l-ispeċi hija waħda minn sensiela ta' messaġġi li rċieva l-Ministeru għal Għawdex fl-aħħar xhur, u li ġew injorati fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fuq livell ta' ORNIS u ta' Ministeru. Dawn jinkludu rakkomandazzjoni simili biex titwaqqaf il-kaċċa f'Marzu 2022, ittra mill-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent Virginijus Sinkevicius lill-Ministru Clint Camilleri f'Mejju 2022, u twissija formali mill-UE dwar il-kaċċa fuq il-Gamiema li saret lil Malta fi Frar 2023.

Meta kien qed jindirizza lill-ġurnalisti quddiem l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-Belt Valletta, il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima qal: "Huwa dritt tagħna li nressqu din il-materja quddiem il-qorti sabiex issir ġustizzja b'rabta ma' din il-parodija ta' staġun li qed jirriskja li jkompli jimpatta speċi li qed tonqos bħalma hija l-Gamiema. Li kieku ma kienx għal BirdLife Malta li tikkontesta dan, min se jiżgura li Malta tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha li tħares lil din l-ispeċi? Ma nistgħux noqogħdu nistennew id-diskussjonijiet twal dwar id-deroga fuq livell Ewropew u immaterjalment nibqgħu fl-istess ħin niftħu staġun wara l-ieħor fuq il-Gamiema. Ħadd ma jista' jinnega li l-Gamiem qed jonqos u ma nistgħux nirriskjaw li nitilfu lanqas għasfur wieħed."

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana kompla: "L-għajta ta' Clint Camilleri *Dak li hu tagħna, jibqa' tagħna* hija motto bla ebda valur fejn jidħlu l-Gamiem. Dawn mhumiex għasafar li huma proprjetà ta' Malta imma huma tal-pajjiżi Ewropej fejn ibejtu u fejn qed isiru sforzi ta' konservazzjoni biex ikun żgurat li jirkupraw. Camilleri qisu determinat li jiżgura li Malta tibqa' mfakkra bħala l-kaġun tal-estinzjoni ta' din l-ispeċi aktar milli l-kaġun tal-ħarsien tagħha. Jista' jkun li l-kaċċaturi dan ma jdejjaqhomx, imma aħna u parti sostanzjali mill-komunità Maltija jimpurtana minn dan, u huwa għalhekk li qed nitolbu li l-gvern iwieġeb fil-qorti dwar din il-materja."

It-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ta' din is-sena saret qabel il-pubblikazzjoni tal-avviż legali, u dan wassal biex il-Gvern ma jistax joħroġ l-avviż legali li jippermetti l-kaċċa għall-Gamiem. Fit-talbiet tiegħu l-Avukat tal-Istat mistenni wkoll jikkontesta l-każ fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' mandat simili s-sena l-oħra li però kien tressaq wara li l-avviż legali kien ġie ppubblikat.

Irrispettivament mill-proċeduri fil-qorti, fl-aħħar jiem kellna xorta waħda ta' kuljum inċidenti ta' Gamiem li kienu osservati jinqatlu illegalment minn timijiet tal-kamp Spring Watch ta' BirdLife Malta. Fl-aħħar jiem b'mod regolari spikkaw b'mod evidenti madwar Malta u Għawdex l-kaċċaturi qegħda fid-duri – sinjal ċar li ma kinux għall-kaċċa tas-Summien, imma kienu għassa għall-Gamiem hu u dieħel, waqt li min-naħa l-oħra mhux daqstant evidenti s'issa kienet il-preżenza

tal-pulizija. Mill-postijiet li żaru timijiet ta' BirdLife Malta fl-aħħar tlett ijiem, il-pulizija kienu nnutati biss fejn kienu msejjħa jattendu, wara li saru telefonati biex isiru rapporti ta' kaċċa illegali. Inċidenti oħra ta' kaċċa illegali kienu jinkludu sparar fuq speċi protetti bħal Bagħdan Abjad, Bagħdan Griż u Bagħdan Aħmar, kif ukoll inċidenti ta' kaċċa barra l-ħinijiet permessi.

Fi tmiem il-konferenza tal-aħbarijiet, l-uffiċjali ta' BirdLife Malta ppreżentaw Gamiema mejta li nstabet minn membru tal-pubbliku aktar kmieni matul il-jum f'Delimara, post magħruf għall-kaċċa illegali. "Virtwalment nistgħu ngħidu li l-istaġun tal-kaċċa huwa diġà miftuħ għall-Gamiema bil-kaċċaturi joħorġu bi ħġarhom l-aktar biex jikkaċċjaw il-Gamiem u mhux is-Summien. L-għażla taż-żmien u l-mod kif infetaħ l-istaġun fis-snin l-imgħoddija prattikament jiżgura li l-kaċċaturi jkunu jistgħu xorta waħda jikkaċċjaw il-Gamiem. Hu fatt magħruf li l-pulizija ma tistax tlaħħaq biex tikkontrolla xi jkun qed jikkaċċja kull kaċċatur, aħseb u ara kemm nistgħu nemmnu li jekk jinfetaħ l-istaġun, 7,900 kaċċatur se jillimitaw lilhom infushom għal 1,500 għasfur sempliċiment għax dan l-għasfur jinsab fi stat Vulnerabbli," ikkonkluda l-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmuża:**

- L-aħħar statistika dwar il-qagħda tal-Gamiema li tpassi minn fuq Malta skont rapport maħruġ minn esperti li kien ippreżentat lill-uffiċjali Maltin u Ewropej mit-Task Force tal-UE dwar l-Irkupru tal-Għasafar (Sors).

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-UjhuXW1PBQ (Ritratti ta' Antoine Monnier)**

- Il-Gamiema mejta li nstabet maqtula minn membru tal-pubbliku iktar kmieni llum f'Delimara
- Uffiċjali ta' BirdLife Malta jindirizzaw il-konferenza stampa quddiem Kastilja dalgħodu